MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1151/1995/1

**Avukat Kris Borg bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Unitor AS**

**v.**

**Kaptan Dagfinn Halvorsen ghan-nom u in rapprezentanza tal-bastiment m.v. NORBEL BULK (gia` m.v. ELI MARIE) u b'Nota tal-31 ta' Awwissu 1995, Edgar Cachia assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kaptan Dagfinn Halvorsen nomine peress illi hu assenti minn Malta u b'nota tal-15 ta' April 2009, John Ellul Sullivan assuma l-atti tal-kawza minflok Edgar Cachia**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Awwissu, 1995, mill-attur nomine li taqra hekk:

"Peress illi l-konvenut nomine huwa debitur ta' l-attur nomine fis-somma ta' flus maltin ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u tletin elf u ghoxrin Kroner Norvegiz (Nok231.028) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' spare parts, provizjonijiet necessarji, diversi materjal, cilindri tal-gass, u apparat iehor necessarju li kollha gew suppliti u kkonsenjati lill-istess konvenut nomine, kif ukoll l-interessi legali fuq l-istess bilanc mid-data tal-konsenja sal-21 ta' Lulju 1995.

"Jghid il-konvenut nomine jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tikkundannah ihallas is-somma fi flus Maltin li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u tletin elf u tmienja u ghoxrin Kroner Norvegiz (Nok231.028) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' spare parts, provizjonijiet necessarji, diversi materjal, cilindri tal-gass, u apparat iehor necessarju li kollha gew suppliti u kkonsenjati lill-istess konvenut nomine.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ukoll ingunt biex jidher in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghaliex, kif jigi ppruvat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-bastiment merkantili "Norbel Bulk" gja "Eli Marie" m'huwiex responsabbli ghall-kreditu pretiz mill-attur nomine, liema kreditu lanqas ma huwa privileggjat ai termini tal-Artikolu 50 tal-Merchant Shipping Act (Cap. 234);

“2. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda minn din il-Qorti bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine.

“3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Marzu 2009, li in forza taghha giet deciza l-kawza billi:

“…fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoniiet kolha tal-bastiment konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-bastiment konvenut ihallas is-somma ta’ zewg miljuni u erbgha u sebghin elf, sebgha mija u sebghin Ewro u hames centezmi (€2,074,770.05) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u tletin elf u tmienja u ghoxrin Kroner Norvegiz (Nok231.028) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' spare parts, provizjonijiet necessarji, diversi materjal, cilindri tal-gass, u apparat iehor necessarju li kollha gew suppliti u kkonsenjati lill-istess konvenut nomine u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-arrest tal-bastiment konvenut sad-data tal-effettiv pagament..

“Spejjez kollha kontra l-bastiment konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Dawn il-proceduri qed isiru mis-socjeta’ estera Unitor AS kontra l-bastiment M.V. Norbel Bulk (gia' M.V. Eli Marie). Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' mitejn u wiehed u tletin elf u tmienja u ghoxrin Kroner Norvegiz (Nok231.028) bilanc ta’ somma akbar rappresentanti l-prezz ta’ spare parts, materjal varju, cilindri tal-gass, u apparat iehor necessarju kollha ssuppliti mis-socjeta’ attrici u konsenjati lill-bastiment konvenut. Ghalhekk is-socjeta’ estera attrici qed titlob li l-bastiment konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma.

“Il-bastiment konvenut qed jeccepixxi illi mhux responsabbli ghall-hlas tal-ammonti pretizi mis-socjeta’

attrici u fi kwalunkwe kaz il-kreditu pretiz mis-socjeta’ attrici mhux privileggjat ai termini tal-artikolu 50 tal-Merchant Shipping Act (Cap. 234).

“Il-fatti rilevanti rizultanti huma s-segwenti:-

“(a) Fil-11 ta' Lulju 1995 il-bastiment in kwestjoni gie akkwistat minn sidien godda u nbidillu l-isem u cioe’ minn “Eli Marie” sar jismu “Norbel Bulk”.

“(b) Fl-istess gurnata l-istess bastiment thassar minn fuq ir-registru Norvegiz.

“(c) Fl-24 ta' Awissu, l995 il-vapur gie provizorjament registrat fil-Liberia bl-isem “Norbel Bulk”.

“(d) Fl-20 ta' Settembru, l995 il-vapur gie definittivament registrat fir-registru ta’ St. Vincent The Granadies bl-isem “Sunny Bulk.”

“(e) Is-socjeta’ estera attrici kienet issuplit varji oggetti u servizzi lill-imsemmi bastiment, qabel ma dan l-istess bastiment inbiegh u tbiddilu l-isem kif intqal. Il-hlas relattiv ghal dawn l-oggetti u sevizzi baqa qatt ma sar.

“(f) Il-bastiment, fil-vjagg tieghu mill-Latvia ghat-Taiwan, kellu jieqaf Malta bla hsieb appuntu biex isirulu tisswijiet.

“(g) Waqt li kien qieghed Malta il-vapur gie arrestat in konnessjoni mal-presenti proceduri

“(h) L-ahhar vjagg tal-vapur li gie kompetat kien minn Santos il-Brazil lejn Talin.

“(i) L-imsemmija oggetti suppliti u l-imsemmija servizzi resi mis-socjeta’ estera attrici kienu necessarji ghal funzjoni tal-bastiment u ghal manutenzjoni tieghu.

“Il-presenti hi talba “in rem” cioe’ l-azzjoni qed issir direttament kontra l-bastiment konvenut irrespettivament jekk l-oggetti suppliti jew is-servizzi resi gewx ordnati mis-

sidien presenti jew mis-sidien precedenti. Appuntu l-azzjoni qed issir ghall-hlas ta’ spare parts, provizjonijiet necessarji, diversi materjali, cilindri tal-gass u apparat iehor necessarju suppliti mis-socjeta’ estera attrici lill-bastiment konvenut.

“L-artikoli tal-ligi li jistghu jkunu rilevanti ghal finijiet ta’ din l-azzjoni huma l-artikolu 37D(3) u 50 tal-Kapitolu 234 tal-ligijiet ta’ Malta. L-imsemmi artikolu 37D(3) jipprovdi li wara li bastiment jinbiegh jibqghu vigenti fil-konfront tal-istess bastiment biss dawk il-privileggi specjali li huma indikati fl-artikolu 50 tal-istess Kapitolu 234 u dana kemm ‘il darba l-azzjoni relattiva sabiex isir il-hlas tas-somma garantita b'dak il-privilegg issir fi zmien sena mid-data tar-registrazzjoni tal-bejgh fir-registru li ghalih ikun jappartjeni l-bastiment. L-imsemmi artikolu 50 jelenka liema huma dawk il-"privileggi specjali" li ghandhom jitqiesu li jibqghu jissussistu fil-konfront tal-bastiment sa zmien sena mill-registrazzjoni tal-bejgh “volontarju” tal-bastiment fir-registru li ghalih jappartjeni.

“Konsegwentement ghar-rigward ta’ dawk il-krediti li huma elenkati fl-artikolu 50 tista issir azzjoni kontra il-bastiment biss sa zmien sena minn meta il-bejgh ikun gie registrat fit-registru li ghalih jappartjeni il-vapur. Kwindi dawn il-privileggi specjali igawdu, ghal zmien limitat, mill-beneficcju tad-"droite de suite" fil-konfront tal-bastiment u dana wara li jkun sar il-bejgh volontarju tal-istess bastiment.

“Il-kreditu pretiz f’dawn il-proceduri jirrisali ghal qabel ma nbiegh il-bastiment u ghalhekk qabel ma l-istess bastiment gie akkwistat minn sidien godda u qabel ma nghata isem gdid. Is-sidien il-godda ma kinux hu,a li ordnaw il-provisti u s-servizzi mertu ta’ dawn il-proceduri. Ghal kull buon fini jista jinghad li l-kreditu pretiz jinkwadra ruhu fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 50 u b’mod partikolari fis-sub-artkolu (m) tal-istess artikolu u dana peress li l-provisti konsenjati u s-servizzi resi kienu necessarji ghal funzjonament tal-bastiment u ghal manteniment tieghu.

“Ghar-risoluzjoni ta’ din il-vetenza, in vista tat-talbiet tas-socjeta’ attrici u tal-eccezzjonijiet tal-bastiment, ghandu jigi stabbilit jekk din l-azzjoni “in rem” li qed taghmel is-socjeta’ attrici tistax tregi fil-konfront tal-bastiment konvenut u cioe’ jekk il-bastiment konvenut huwiex effettivament responsabbli ghall-hlas tal- kreditu pretiz mis-socjeta’ attrici. Ghandu ukoll jigi deciz x’effett ghandu fuq din il-vertenza il-fatt li l-bastiment inbiegh wara li sehh il-kreditu in kwestjoni.

“Jirrizulta li f’Gunju 1995 sehh il-bejgh tal-bastiment in kwestjoni. Il-“Bill of Sale” relattiv mhux datat pero’ hu rilevanti il-fatt li fuq l-istess dokument xhud tal-firma taht il-firma tieghu nizzel id-data u cioe’ t-28 ta' Gunju 1995. F’Lulju 1995 il-bastiment gie kancellat mir-registru tal-bastimenti tan-Norvegja. F’dan ir-rigward jidher li fid-data li fiha il-bastiment gie arrestat hawn Malta (4 ta' Awwissu 1995) l-istess bastiment ma kien registrat fl-ebda registru. Il-fatt li l-bastiment gie kancellat mir-Registru tan-Norvegia ma jfissirx li fid-data tal-istess kancellament il-bastiment inbiegh lill terzi. Xejn ma jista jigi presunt mill-fatt li sar dan il-kancellament. Hu zgur li ma jistax jigi presunt li l-bastiment inbiegh mis-semplici fatt li nghalaq ir-registru tieghu. Il-kancellament tal-bastiment mir-registru tan-Norvegja ma ghandu l-ebda effett u l-istess kancellament jindika biss li appuntu kien inghalaq ir-registru tan-Norvegja referibilment ghall-bastiment in kwestjoni. Fl-24 ta' Awissu 1995 il-bastiment gie registrat provisorjament fil-Liberja. Sussegwentement u cioe’ fil-31 ta’ Dicembru r-registru provizorju tal-Liberja nghalaq u dana stante li l-istess bastiment fl-20 ta Settembru 1995 gie definittavament registrat f' St. Vincent and the Grenadines. Ma jirrizultax li fil-periodu ta’ bejn ir-registrazzjoni provizorja u r-registrazzjoni definittiva saret xi riserva ghar-rigward tar-responsabbilta’ tal-bastiment fil-konfront ta’ xi kreditu pretiz u dan in vista ta’ eventwali bejgh tal-bastiment u tar-registrazzjoni definittiva tal-istess bejgh.

“Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz dan il-bejgh ma jistax jitqies li jgib mieghu xi konsegwenzi ghar-rigward ta’ terzi u kwindi l-istess bejgh ma jistax jitqies li b’xi mod effettwa

d-drittijiet jew l-obbligi li s-socjeta' attrici seta kellha fil-konfront tal-bastiment. Terzi, u kwindi ukoll is-socjeta' attrici, setghu biss jigi effettwati meta l-istess bejgh eventwalment gie debitament registrat b'mod definittiv. Isegwi li l-kreditu pretiz hu appuntu dovut mill-bastiment u l-fatt li tbiddlu s-sidien hu fattur ghal kollox irrilevanti. Kwindi l-kwestjoni sollevata mill-bastiment konvenut rigwardanti jekk il-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici ghandux jitqies li hu "privileggjat" ai termini tal-provedimenti tal-artkolu 50 tal-kapitolu 234 hi ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tar-risluzzjoni tal-vertenza.

"Ir-registrazzjoni tal-bejgh ta' bastiment biss ghandha effetti "erga omnes." Konsegwentement l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 37D(3) isiru applikabbli biss wara li ssir, regolarment, id-debita registrazzjoni tal-bejgh. Il-bastiment jibqa responsabbli sakhemm ma ssehx ir-registrazzjoni tal-bejgh tal-istess bastiment.

"Inoltre s-socjeta' attrici ssostni li fi kwalunkwe kaz il-kreditu pretiz minnha ghandu jitqies li hu privileggjat fit-termini tas-sub-artikolu (m) tal-artikolu 50 tal-istess Kapitolu. Dan is-sub-artikolu jipprovdi li huma privileggjati dawk il-krediti li jirrigwardaw provista ta' oggetti, ikel u armar li huma necessarji ghal fuzjonament tal-bastiment u ghal manutenzjoni tieghu, kemm il-darba dawn l-istess krediti jkunu sehhew qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu u kemm il-darba l-istess krediti jkunu gew kuntratti mis-sidien tal-bastiment jew mill-kaptan tal-istess bastiment. Hawnhekk, fl-opinjoni tal-Qorti, il-ligi ma tesigix li l-kreditu partikolari irid ikun li sehh propju fil-port tat-tluq tal-ahhar vjagg esatt qabel it-tluq mill-istess port. F'dan ir-rigward li hu importanti, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, hu li l-kreditu in effett sehh qabel it-tluq ghal-ahhar vjagg. Il-kreditu jrid ikun orrigina minn qabel it-tluq ghall-ahhar vjagg. In vista tac-cirkostanzi partikolari ttal-kaz jista jinghad ukoll li s-sidien il-godda tal-bastiment, effettivament, ibbenefikaw u hadu xi vantagg mil-kreditu in kwestjoni jew ahjar mill-provisti li gew konsenjati lill-bastiment u mis-servizzi li gew resi a beneficcju tal-istess bastiment.

"Il-vjagg tal-bastiment in kwestjoni minn Ventspils lejn it-Taiwan in effett ma giex kompletat peress li l-bastiment kellu jieqaf Malta. Ghalhekk ghar-rigwrd tal-istess vjagg ma jistax jinghad li giet kompletata xi attivita' ekonomika shiha. In effett jirrizulta li l-ahhar viagg li gie kompletat kien dak minn Santos il-Brazil u li spicca Talin.

"Fid-dawl ta' dan kollu l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici jimmeritaw li jigu akkolti, filwaqt lil-eccezzjonijiet kollha tal-bastiment konvenut ghandhom jigu respinti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti:

"…joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Marzu 2009, il-kawza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent nomine, tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra tieghu."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawza l-attur nomine jrid jigbor hlas ta' *supplies* li gew konsenjati lill-bastiment konvenut; il-kawza saret kontra l-bastiment li a beneficcju tieghu kienu saru dawn il-provisti. Il-bastiment konvenut eccepixxa illi hu mhux responsabbli ghall-hlas tas-somma pretiza mill-attur nomine, peress illi s-socjeta` estera attrici kienet issupliet l-oggetti u s-servizzi lill-bastiment qabel ma l-istess bastiment inbiegh, u f'kull kaz, il-kreditu pretiz ma jgawdix minn privilegg ai termini tal-ligi.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur nomine u warrbet id-difiza tal-bastiment konvenut wara li osservat, in succint, illi (i) il-vapur gie arrestat hawn Malta wara li gie kancellat minn mar-registru tieghu precedenti (dak tan-Norvegja),

izda qabel ma sehhet ir-registrazzjoni l-gdida (f'St. Vincent and the Grenadines), u l-bastiment jibqa' responsabbli la gie arrestat qabel ma sehhet ir-registrazzjoni tal-bejgh tal-bastiment, u (ii) f'kull kaz, is-servizzi inghataw qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu, u allura l-hlas relattiv hu kopert bi privilegg.

Bl-ewwel decide, l-ewwel Qorti pprexxindiet mill-kwistjoni jekk jezistix privilegg kontra l-vapur ghall-hlas tas-servizzi ghax qalet illi la darba dawn is-servizzi inghataw u l-vapur gie arrestat qabel ma gie registrat il-bejgh, il-bastiment jibqa' responsabbli u kreditur ma jistax ikun ippregudikat b'bejgh li 'jsehh' wara l-arrest tal-bastiment.
Tajjeb li jinghad hawnhekk illi huma biss dawk il-krediti marittimi li huma koperti b'xi privilegg specjali fil-mument tal-bejgh volontarju tal-bastiment li ghalihom jirrelataw illi jgawdu *droit de suite* skont il-ligi u ghalhekk li jibqghu jissussistu minkejja tali bejgh volontarju tal-bastiment koncernat, ghalkemm limitatament ghal zmien sena minn tali bejgh volontarju (Artikolu 37D(3) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ewwel Qorti jidher li kkonkludiet, pero`, li la darba s-servizzi inghataw u l-vapur gie arrestat <u>qabel</u> ir-registrazzjoni tal-bejgh, ghalkemm wara li r-registrazzjoni precedenti giet kancellata, allura l-ezistenza o meno tal-privilegg huwa 'irrilevanti' u l-kawza setghet tipprocedi kif saret *in rem* kontra l-bastiment.

Bhala principju, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li osservat l-ewwel Qorti li r-registrazzjoni tal-bejgh ta' bastiment biss ghandha effett *ergo omnes*. Bejgh ta' bastiment isehh mat-trasferiment tieghu, tant li l-Qorti tal-Kummerc, fil-kawza **Bugeja v. Bartolo et**, deciza fl-10 ta' Jannar 1950, qalet illi *"ebda prova ma hija attendibbli biex jigi stabbilit min huwa r-'registered owner' ta' bastiment hlief ic-certifikat tal-Bill of Sale".* F'dan il-kaz il-bejgh tal-bastiment sar u l-Bill of Sale giet iffirmata f'Gunju tal-1995 u fil-11 ta' Lulju 1995, l-istess bastiment thassar minn fuq ir-registru Norvegiz. Minn dakinhar tal-bejgh, is-sidien il-godda ma jkunux responsabbli ghal dak li sehh qabel u responsabbli jkun min ghamel l-ordnijiet <u>b'dan li l-</u>

bastiment ikun responsabbli *in rem* jekk jezisti privilegg marittimu.

Kif jghidu l-awturi tal-ktieb "Chorley & Giles' Shipping Law" (8th Edit. Gaskell, Debattista u Swatton, p38), il-bejgh ta' vapur, hu x'inhu d-daqs tieghu, hu regolat bil-ligi li tirregola t-trasferiment ta' kull oggett mobbli, bil-proprjeta` fl-istess tghaddi fil-mument li jsir il-kuntratt. Ir-registrazzjoni tal-vapur ghandha zewg effetti: l-ewwel biex taghti lill-bastiment il-privileggi ta' bastiment Malti (Artikolu 3 tal-Kap. 234), u t-tieni *"as proof of title. It is not conclusive but furnishes at least prima facie evidence of the registered owner being the true owner, thus resulting in a shifting of the burden of proof"* (op.cit.p. 35). It-trasferiment, pero`, isir b'att ta' bejgh ("Bill of Sale"), kif jghid l-Artikolu 32 tal-ligi msemmija u ghalkemm dan il-bejgh ghandu jigi registrat mal-awtorita` kompetenti (Artikolu 34), dan ma jinnewtralizzax il-fatt li l-bejgh ikun komplet hekk kif jigi ffirmat l-att ta' bejgh.

*Del resto*, meta sar il-bejgh, l-ufficcju marittimu ta' Norvegja hareg mhux biss *"a certificate of deletion"* mir-registru taghha, izda kif jidher mit-*transcript* tar-registru, fid-data tal-11 ta' Lulju 1995, il-vapur gie *"discharged to Liberia"* peress li gie *"sold to foreign owner"*. Din l-anotazzjoni, u l-fatt li isem il-vapur tbiddel minn "Eli Marie" ghal "Norbel Bulk", kellhom jaghtu taghrif dwar bdil fis-sid tal-vapur. Jista' jkun li ghal xi xhur il-vapur ma kellhux nazzjonalita`, pero`, dan ma jfissirx li l-bejgh tieghu ma kienx validu.

L-Artikolu 37D(3) imsemmi, u li ghalih irriferiet l-ewwel Qorti, anke qabel ma gie emendat bl-Att XXII tal-2000, jistabilixxi t-terminu ta' sena wara l-bejgh volontarju tal-bastiment biex jibqa' jissussisti d-*droit de suite,* u jghid li dan it-terminu jibda jghaddi "mid-data tar-registrazzjoni ta' dak il-bejgh volontarju fir-registru li ghalih il-bastiment jappartjeni", li ma jistax jirreferi hlief ghal dak ir-registru li fih il-bastiment kien jappartjeni fil-mument li fih l-istess bastiment kellu jinbiegh volontarjament. Huwa f'dan ir-registru illi l-istess bejgh volontarju ghandu jigi registrat sabiex b'hekk jibda jiskatta t-terminu ghall-validita` tal-

privileggi marittimi.  Il-bejgh, per se, pero`, ikun sar mal-kuntratt.

Din il-kawza ma saritx kontra s-sidien precedenti tal-bastiment, u lanqas kontra min ghamel l-ordni ghas-servizzi, izda kontra l-vapur, u kif inghad il-bastiment jibqa' responsabbli – wara li jinbiegh lill-terzi – ghal dawk il-krediti muniti bi privilegg marittimu u mhux ghal djun ohra. Dejn li jidhol fih is-sid precedenti ta' bastiment u mhux kopert bi privilegg marittimu jew garantit b'ipoteka navali kif trid il-ligi, ma jgawdix minn *droit de suite* fuq il-bastiment.  Kwindi, ghall-fini ta' din il-kawza kif proposta, darba li sehh trasferiment, is-servizzi nghataw qabel u l-arrest sar wara, il-vapur jibqa' responsabbli f'kaz biss li jezisti privilegg marittimu, u hu dan il-punt (li l-ewwel Qorti ddecidiet f'kull kaz) li jrid issa jigi diskuss u deciz.

L-artikolu rilevanti ghall-finijiet ta' dan l-ezami huwa l-Artikolu 50(m) tal-Kap. 234 imsemmi.  Dan l-artikolu jkopri b'privilegg il-flus li jkollhom jiehdu l-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu.  L-ewwel Qorti qalet li l-ligi ma tesigix li l-kreditu partikolari jkun sehh proprju fil-port tat-tluq tal-ahhar vjagg ezatt qabel it-tluq mill-istess port;  basta li jkun sehh qabel it-tluq ghall-ahhar vjagg.  Din il-Qorti, ma taqbilx ma' din il-veduta tal-ewwel Qorti, u tara li l-ligi, fil-verita` tolqot id-djun inkorsi fil-port qabel ma l-vapur jitlaq ghall-ahhar vjagg tieghu u mhux lid-djun inkorsi f'okkazzjonijiet precedenti.

Bi privilegg marittimu ("*lien*" fid-duttrina ingliza) infissru s-segwenti:

*"A valuable and effective method of enabling the injured party to make the vessel herself available as security for his claim has been devised in the so-called 'maritime lien'. A maritime lien is a claim against a ship or other maritime property which can be made effective by the seizure of the property in question.  It exists independently of the possession of the object over which it is claimed, but is attached to it in the sense that it is unaffected by change of ownership.  It is therefore called by lawyers a right 'In*

*rem', i.e a right enforceable against the world at large, in this case against the thing itself, as opposed to a right 'in personam', against a particular person, say, the owner."*

(ara Charley & Giles' Shipping Law op.cit.p. 70)

Dan ifisser li l-privileggi, ghalkemm necessarji ghal min jipprovdi servizz lill-bastimenti, ma ghandhomx jigu estizi *ad oltranza* biex ikopru dak li ma kienx previst. Qari tal-artikolu in ezami kellu juri li l-posizzjoni mhux dik kif qalet l-ewwel Qorti.

Jekk il-Qorti hija korretta fl-interpretazzjoni taghha, dan ikun ifisser illi l-kliem "qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu" qeghdin hemm ghalxejn, ghaliex dan l-privilegg specjali partikolari jkun allura jestendi prattikament ghall-krediti kollha rigwardanti provizjonijiet, hwejjeg ta' ikel, armament u armar; u mhux hekk biss, izda dan wkoll ghal zmien indefinit qabel it-tluq ghall-ahhar vjagg sabiex b'hekk ukoll ikopri vjaggijiet ohra precedenti minghajr ebda limitu ta' zmien fil-passat. Din zgur li ma hijiex l-intenzjoni tal-legislatur.

Li l-ligi tiddistingwi bejn l-ahhar vjagg u dawk precedenti jirrizulta wkoll mid-duttrina. L-awtur William Tetley, fil-ktieb tieghu "Maritime Transportation" (Edit. 2001, Chap.4 p.119) jghid hekk:

*"Where claims in these categories (eg necessaries) relate to different voyages, however, those attaching to the last voyage prime those attaching to previous voyages, except that wage claims arising out of the same contract of engagment and covering several voyages, rank with claims of the last voyage."*

L-awtur, hawnhekk, kien qed jitkellem fuq preferenza bejn pretensjonijiet differenti f'portijiet differenti jew fl-okkazjoni ta' izjed minn ritorn wiehed furzat fl-istess port (ara wkoll Artikolu 51 tal-Kap. 234), pero`, tindika b'mod car id-differenza bejn "l-ahhar vjagg" u dawk precedenti, u l-Artikolu 50(m) jaghti privilegg biss lis-servizzi moghtija lill-bastiment qabel it-tluq "ghall-ahhar vjagg tieghu". Ma

huwiex importanti jekk l-ahhar vjagg jigix kompletat jew le (per ezempju, minhabba xi devjazzjoni necessarja ghal raguni ta' tiswijiet, bhal ma gara f'dan il-kaz), ghaliex dak li huwa importanti hu illi l-kreditu jrid ikun tnissel qabel ma l-bastiment effettivament jitlaq ghall-ahhar vjagg tieghu.

Il-ligi illum ma tesigix li l-ispiza tkun saret wara l-ahhar vjagg tal-vapur (kif kien jiddisponi l-Artikolu 2(6) tal-Ordinanza XV tal-1858), meta allura setgha jinghad (kif inghad fil-kaz ***Concorso Raetoria*** deciz minn din il-Qorti fl-20 ta' Novembru 1922), li meta jkun hemm devjazzjoni fl-ahhar vjagg, ikun hemm *"un viaggio rotto e non un viaggio completo"*, bil-konsegwenza tkun li l-ispiza tkun saret waqt l-ahhar vjagg u mhux wara. Il-ligi issa trid li l-ispiza tkun saret qabel ma l-vapur jitlaq ghall-ahhar vjagg tieghu, u mhux rilevanti jekk il-vjagg jigix interott jew le; l-importanti hu li l-ispiza tkun saret qabel mal-vapur jitlaq mill-port ghall-ahhar vjagg tieghu. F'dan il-kaz il-vapur telaq minn Latvia ghall-ahhar vjagg tieghu, bid-destinazzjoni tkun it-Taiwan; il-fatt li waqaf Malta ghal tiswijiet, ma jinnewtralizzax l-fatt li dan kien "l-ahhar vjagg" tieghu, u l-privilegg marittimu kien, ghalhekk, jolqot biss l-ispejjez li setghu saru fil-Latvia li mhumiex il-meritu ta' din il-kawza. Fil-fatt xhud tas-socjeta` attrici, Arne Bernt Haugal, *collections manager* tal-istess socjeta`, stqarr li l-problemi finanzjari nqalghu *"on her last voyage from Ventspils* (port fil-Latvia) *to Taiwan"*. Dan kien l-ahhar vjagg taghha, u mhux xi vjagg precedenti.

Stante l-fatt illi l-krediti kollha tal-attur nomine ma sarux qabel it-tluq tal-bastiment mill-port ghall-ahhar vjagg tieghu, izda saru qabel u/jew waqt vjaggi ohrajn tal-istess bastiment, allura l-kreditu pretiz mill-istess attur nomine ma baqax wiehed privileggjat skont il-ligi.

Isegwi, kif tajjeb osserva l-bastiment konvenut, illi peress (1) il-bastiment kien inbiegh volontarjament mis-sidien precedenti tieghu (illi kienu huma li kienu kkuntrattaw mal-attur nomine) f'Gunju 1995, liema bejgh volontarju certament illi kien gie registrat fin-Norwegian International Ship Registry (ir-registru li ghalih il-bastiment kien jappartjeni) fil-11 ta' Lulju 1995 (meta inghalaq dak ir-

registru, proprju minhabba tali bejgh volontarju): u peress (2) l-attur nomine kien ipproceda bl-arrest tal-bastiment f'Malta biss fl-4 ta' Awwissu 1995, u bl-azzjoni odjerna fit-18 ta' Awwissu 1995, u ghalhekk wara l-bejgh u wara r-registrazzjoni tal-bejgh volontarju tal-bastiment fir-registru li ghalih l-istess bastiment kien jappartjeni – allura isegwi car illi fil-mument illi fih ipproceda, l-attur nomine ma kienx fadallu dritt li jipprocedi *in rem* kontra l-bastiment skont il-ligi, ghaliex il-kreditu tieghu ma kienx ghadu privileggjat u ghalhekk ma setax isegwi l-bastiment f'idejn il-proprjetarji godda tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-bastiment konvenut billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u b'hekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur nomine appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------